# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz Nru. 1431/96 DM**

**Micallef Brothers Limited u b'digriet tas-26 ta' Gunju, 2001, l-isem tas-socjeta' Micallef Brothers Limited gie sostitwit ghal Discus Products Co. Ltd.**

**vs**

**Panta Marketing & Services Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**Ir-Rikors Promotorju**

1. B'avvizipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) is-socjeta' attrici appellata kienet talbet li s-socjeta' konvenuta appellanti tigi kundannata sabiex tismantella l-airconditioning unit li kien stallat fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici, liema unit is-socjeta' konvenuta kienet iggarantiet li kien qawwi bizzejjed li jaqdi l-bzonnijiet tas-socjeta' attrici, meta fil-fatt dan

qatt ma kellu l-qawwa rikjesta. Is-socjeta’ attrici kienet talbet ukoll li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas lura lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm555.00 (hames mija u hamsa u hamsin Liri Maltin) rapprezentanti depozitu fuq l-airconditioning unit imsemmi;

**L-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta**

2. Is-socjeta' konvenuta appellanti kienet eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti stante illi l-airconditioning unit nmibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' attrici kien tal-qawwa rikjesta mis-socjeta' attrici fl-ordni taghha;

Illi b'digriet taghha ta' l-24 ta' Marzu, 1997, l-ewwel Qorti kienet ordnat illi din il-kawza tinstema' u tigi deciza flimkien mal-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 1178/96DM), mil-liema kawza gie intavolat appell kontestwalment ma' dan ir-rikors.

**Is-sentenza appellata**

3. Bis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 2000, l-ewwel Qorti ghogobha tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jismantellaw u jnehhu l-airconditioning unit li huma kienu stallaw fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici, liema unit ma kienx idoneu li jaqdi l-

bzonnijet tas-socjeta' attrici, meta fil-fatt dan qatt ma kellu l-qawwa rikjesta u ghal dan il-fini l-Qorti ordnat terminu ta' xahar mis-6 ta' Ottubru, 2000; il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lura lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm555.00 rapprezentanti depozitu fuq l-airconditioning unit imsemmi, bl-imghax legali mis-6 ta' Dicembru, 1996 u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**L-Appell tas-socjeta' konvenuta**

4. Is-socjeta' konvenuta hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

> "Illi fl-ewwel lok ma gew prodotti l-ebda provi li jissostanzjaw l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici appellata li l-apparat in kwistjoni ma kienx ta' qawwa bizzejjed li jaqdi l-bzonnijiet tas-socjeta' attrici.
>
> Illi bhal ma gie stabbilit mill-perit tekniku, l-apparat in kwistjoni kien ta' kwalita' tajba, u ma kien fih l-ebda difett (hlief ghal xi "airloom" ossia "grill" li kellu jinbidel"). Illi minkejja d-dimensjonijiet tal-fond tas-socjeta' attrici, ta' hamsa u ghoxrin pied wiesgha b'erbghin pied tul, it-temperatura fil-kamra li tintuza bhala kcina kummercjali kienet dejjem ta' 24 grad Celsius kull darba li marru jkejluh it-technicians tas-socjeta' konvenuta fix-xhur tas-sajf. Dan, fil-fehma umli tas-socjeta' konvenuta, ifisser illi l-apparat mibjugh, li kien ta' 60,000 BTUs zgur kien tal-qawwa bizzejjed biex tkessah il-kamra.
>
> Illi, inoltre, is-socjeta' konvenuta appellanti tirreferi ghall-provi prodotti quddiem il-perit tekniku li minnhom irrizulta illi skond l-istandards internazzjonali, temperatura gewwa

kcina kummercjali tista' tkun sa 27 grad Celsius minghajr riskji.

Illi dan kollu, fil-fehma umli tas-socjeta' konvenuta jfisser illi gie sodisfacentement ippruvat illi l-apparat mibjugh kien tal-qawwa bizzejjed li jaqdi l-bzonnijiet tas-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta taghmel riferenza ghas-sottomissjonijiet maghmula minnha fir-rikors ta’ l-appell (ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors) fil-kawza fl-ismijiet inversi, u cioe' Avviz Nru. 1178/96DM, fejn irrizulta illi kull ma talbet is-socjeta' Micallef Brothers Limited kienet temperatura komda fi kcina kummercjali, liema kondizzjoni giet sodisfatta bl-apparat debitament mibjugh u kkunsinjat lilha.

Illi, ghall-grazzja ta' l-argument wiehed jista' jippostula sitwazzjoni fejn it-temperatura konsidrata "komda" mis-socjeta' attrici appellata (u cioe' il-kwalita' rikjesta minnha ghal prodott mibjugh) kienet wahda ta' ghaxar gradi Celsius. Din ma tistax titqies bhala kwalita' realistika meta l-istandards internazzjonali ikkwotati mis-socjeta' konvenuta appellanti juru bic-car illi t-temperatura fi kcina kummercjali tista' tkun sa 27 grad Celsius minghajr riskji. Dawn l-istandards internazzjonali, u cioe' l-"Ashras Application Hand Book ta' l-1995" gew esebiti lill-perit tekniku mis-socjeta' konvenuta appellanti fil-gbir tal-provi. Irrizulta ppruvat illi l-unika kwalita' rikjesta mis-socjeta' appellata kienet dik ta' "comfort temperature", anke mill-ammissjoni tar-rapprezentant ta' din is-socjeta' u ghalhekk din il-kwalita' giet ipprovduta bl-izjed mod car mis-socjeta' konvenuta appellanti.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta appellanti titlob lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha migjuba mis-socjeta' konvenuta appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' attrici appellata”.

**Ir-risposta ta' l-appell ta' Discus Products Co. Ltd. gia Micallef Brothers Limited**

5. Is-socjeta' appellata wiegbet hekk:-

"Illi din il-kawza qed tinstema' mal-kawza fl-ismijiet inversi, liema kawzi gew decizi separatament izda fl-istess gurnata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Otturu, 2000, minn liema zewg kawzi s-socjeta' Panta Marketing & Services Limited interponiet appelli rispettivi.

Illi dan l-appell jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici u appellata biex is-socjeta' appellanti tismantella apparat ta' l-arja kondizzjonata li ma kienx qed jaqdi l-funzjoni li ghaliha kien inxtara, u li jithallas lura l-ammont ta' Lm555 li kien diga' thallas mill-prezz mill-esponenti.

Illi in sustanza, l-attrici appellata talbet ir-rimedju ta' l-Actio Redhibitoria kontemplat f'Artikolu 1427 tal-Kodici Civili ta' Malta, fid-dawl ta' Artikoli 1424 u 1426 ta' l-istess Kodici. L-attrici appellata kellha ghazla: jew l-*actio aestimatoria* fejn il-Qorti tistabbililha dik il-parti tal-prezz li kellha titnaqqas, jew l-*actio redhibitoria* fejn l-oggett mixtri jigi ritornat lill-venditur u l-prezz imhalla jigi rifuz. Gialadarba l-apparat in kwistjoni ma kien qed ikun ta' ebda uzu ghall-esponenti, hija ghazlet li titlob ir-rimedju ta' l-actio redhibitoria.

Illi mix-xhieda rrizulta li rapprezentant tas-socjeta' esponenti kien talab lis-socjeta' appellanti tistallalu *air-conditioning unit* ghall-kcina specjalizzata li ghandu fejn fiha jigi ppakkjat ikel u jinhakk il-gobon. Dan ir-rapprezentant, Donald Micallef, jghid li huwa semplicement talab li l-*air-conditioner* ikun adattat ghal dan il-post u ambjent. Xhieda tas-socjeta' attrici jaccettaw li dan Donald Micallef qatt ma talab apparat ta' sahha partikolari, izda jghidu li talabhom temperatura komda. Kif irrimarkaw tant tajjeb kemm l-espert tekniku mqabbad mill-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll dik l-istess Qorti fis-sentenza taghha, is-socjeta' appellata mhix xi ditta li tispecjalizza fl-ikkundizzjonar ta' l-arja, izda tispecjalizza fl-ikel; ghalhekk kellha tkun is-socjeta' appellanti li tindaga, tara u tiddeciedi x'tip ta' apparat kien mehtieg fil-fond ta' l-appellata. Di fatti rrizulta li qabel ittiehdet decizjoni dwar x'apparat jitwahhal, is-socjeta' appellanti baghtet impjegat taghha fil-fond in kwistjoni biex jinvestiga x'kien hemm bzonn.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' appellata halla f'idejn il-Panta Marketing & Services Ltd. biex tiddeciedi x'apparat kien hemm bzonn, u qaghad fuq dak li ssuggerewlu. Gara li meta twahhal dan l-apparat, kollox kien jidher li qed jahdem sew, ghajr ghal *airloom* li giet konsenjata mkissra, u li baqghet ma giet sostitwita qatt. Ghal zmien ix-xitwa ma kienux qed jinqalghu problemi, izda meta gie s-sajf, il-gobon li kien qed jinhakk fil-fond in kwistjoni kien qed jumda u jimmoffa. L-appellata rrappurtat li l-*air-conditioner* ma kienx qed jiffunzjona kif suppost, ghax il-gobon kien qed joghroq. Is-socjeta' appellanti baghtet it-technicians taghha ghal darba, tnejn, tlieta, u dawn insistew li kien hemm kollox sew. Fil-fatt dan l-apparat qatt ma trangalu xejn.

Illi s-socjeta' appellanti hassitha aggravata bis-sentenza appellata, ghaliex skond hi, l-esponenti ma gabitx provi li l-apparat mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita. B'dan l-esponenti tifhem li s-socjeta' appellanti qeghda tassumi li r-rimedju mitlub huwa dak kontemplat f'Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, li huwa r-rimedju moghti mil-ligi meta x-xerrej prospettiv jinduna mill-ewwel li l-oggett li ser jigi konsenjat lilu m'huwiex tal-kwalita' mweghda, jew ma jkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar. Izda hawnhekk issir riferenza ghar-risposta ta' l-appell fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 1178/96, fejn gie spjegat li anke jekk l-apparat mibjugh oggettivament kien jahdem tajjeb, soggettivament dan ma kienx qed jaqdi l-funzjoni li ghaliha kien inxtara.

Illi l-espert tekniku nominat mill-Qorti rrizultalu li l-apparat stallat ma kienx adattat ghall-fond u x-xoghol li kien qed isir fih, ghax l-apparat htieglu jkun wiehed li jkollu nkorporat fih dehumidifier. Gialadarba l-apparat konsenjat mill-bejjiegha ma kienx qed jaqdi l-funzjoni li talbet is-socjeta' kompratrici, dak l-apparat huwa <u>relattivament</u> **difettuz** fil-konfront tax-xerrejja. Dan id-difett huwa wiehed latenti ghaliex l-esponenti ma kellhiex mezz tkun taf bih qabel ma l-apparat gie stallat u beda jahdem fil-kondizzjonijiet normali tal-post in kwistjoni.

Niehdu kaz li jien immur biex naghmel nuccali, jarani l-ispecjalista u jordnali nuccali partikolari addattat ghalija, u jien nixtrih minn ghandu stess, izda bih ma nkunx nista' nara sew. Oggettivament, dak in- nuccali ma jkun fih xejn difettuz, la jkun imkisser, la jkun tal-plastic, u xejn hazin, izda jekk huwa ma jkollux il-lenti li ghandi bzonn jien, dak in-nuccali ghalija huwa difettuz u jien ghandi r-rimedju tad-difett latenti. Artikolu 1424 tal-Kap 16 ghid li:

'Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba...."

Illi ssir riferenza ghall-enfasi maghmul mill-appellanti fuq it-temperaturi ndikati fl-estratti mill-ktieb “Ashras Application Hand Book”, li bihom l-appellanti tipprova tiggustifika d-decizjoni taghha li thalli lill-esponenti teghreq (kemm metaforikament kif ukoll litteralment) fil-problema taghha. Ktieb itik standards medji, izda kull kaz ikollu l-karatteristici partikolari tieghu. Il-fond ta’ l-esponenti mhux kcina kummercjali kif indikat f’dak il-ktieb: kcina kummercjali f’dak il-ktieb tirreferi ghal kcejjen normali bhal ma huma ta’ restaurants u ta’ hotels. Hawnhekk si tratta speci ta’ “kcina” specjali, fejn jigi ppreparat certu ikel partikolari bhal gobon mahkuk. Kieku kellna noqghodu fuq il-handbooks, allura l-Panta Marketing setghet ma baghtet inginier xejn qabel ma ddecidiet fuq l-apparat adattat, u semplicement talbet lill-esonenti ttiha l-qisien tal-fond. Ghalhekk tintbaghat persuna fuq il-post qabel ma jintaghzel l-apparat, biex jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolari.

L-appellanti tasal li targumenta u tghid li kieku l-esponenti talbet apparat li jnizzel it-temperatura ghal 10º C, “Din ma tistax titqies bhala kwalita’ realistika.......”, ghax il-ktieb minnha kkwotat jghid li 27º C hija bizzejjed biex ma jkunx hemm riskji! Tajjeb, mela l-bzonnijiet tax-xerrej jigu njorati ghax ma jaqblux mat-temperaturi medji ndikati fil-ktieb kwotat! L-esponenti ma riedetx l-*air-conditioning* biex ma jkunx hemm *health-risk* (u cioe’ ghax temperaturi gholjin jaccelleraw il-multiplikazzjoni tal-Bakterja), izda ghax il-bzonn partikolari taghha kien li ma jeghriqx il-gobon. It-terminu ‘*comfort temperature’* jew ‘temperatura komda’ qatt ma ntuza mill-esponenti, l-esponenti semplicement riedet unit adattat ghall-post li ghandha u x-xoghol li jsir fih.

Finalment jinghad li l-attrici appellata talbet lill-Qorti tordna lis-socjeta’ konvenuta u appellanti tismantella l-*air-conditioning unit* hi sabiex l-istess socjeta’ appellanti tizgura li ma ssir ebda hsara fl-apparat li ser jigi ritornat lilha a tenur ta’ artikolu 1427 tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-esponenti hija tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha tipprefiggi terminu li fih is-socjeta’ appellanti ghandha taghmel dan, u fin-nuqqas l-esponenti tigi awtorizzata taghmel ix-xoghol ta’ smantellar hi a spejjez u riskju tas-socjeta’ appellanti.

> Ghaldaqstant, is-socjeta’ appellata tissottometti li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma”.

**<u>Is-sentenza ta’ din il-Qorti</u>**

6. Jibda billi jinghad li dan l-appell huwa konness sew ma’ kawza fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 1178/96, deciza ukoll mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta’ Ottubru, 2000, minn liema zewg kawzi s-socjeta’ Panta Marketing & Services Limited interponiet appell bill it-tnejn gew decizi kontriha fl-ewwel istanza.

7. Illi f’din il-kawza, mertu ta’ dan l-appell, is-socjeta’ appellata talbet li s-socjeta’ appellanti tizmantella l-apparat ta’ arja kondizzjonata ghar-raguni li dan ma kienx qieghed jaqdi l-funzjoni li ghaliha kien inxtara u kwindi talbet ukoll li tithallas lura l-ammont ta’ Lm555.00 gia mhallas mill-prezz tal-bejgh ta’ l-apparat <u>de quo</u>.

8. Il-kawza l-ohra, trattata kontestwalment ma’ din il-kawza fi stadju ta’ appell, thalliet ukoll ghas-sentenza finali ghal-lum, u fil-fatt giet hekk pronunzjata. Fil-kawza fl-ismijiet inversi surreferita, din il-Qorti ddecidiet kontra s-socjeta’ appellanti in kwantu kkonfermat is-sentenza appellata billi rriteniet li l-apparat supplit ma kienx wiehed adatt u idoneju ghall-uzu li ghalih kien intiz u dan bi htija attribwibbli unikament lis-socjeta’ appellanti, li allura kien ifisser li ghall-fini tal-procedura l-ohra istitwita

mis-socjeta' appellanti, ma kienx il-kaz li din tesigi pagament ta' l-apparat de quo. Isegwi minn dan u per konsegwenza li ghall-fini ta' dan l-appell, is-socjeta' appellata ghandha d-dritt titlob l-izmantellament u tehid lura ta' l-apparat mill-parti avversarja, kif ukoll titlob ir-rifuzjoni tal-flus versati indebitament lis-socjeta' fornitrici, dik appellanti igifieri, bhala prezz tal-bejgh fl-ammont indikat fl-att tac-citazzjoni.

8. Din il-Qorti kwindi taghmel pjena riferenza ghas-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet inversi, igifieri "Panta Marketing & Services Limited – vs – Discus Products Co. Ltd. gia Micallef Brothers Limited (Citazzjoni numru 1178/96) u ghall-istess ragunijiet tiddeciedi li l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm